15 ta' Diċembru, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija versus George Vigo

## Kontravvenzjoni — Ingerenza Indebita fid-Dmirijiet tal-Pulizija.

*Meta l-Pulizija tiġi biex twarrab folla li tkun qiegħda teċċedi fid-diportament tagħha, ma tistax ma tużax ċertu grad ta' forza li tkun bil-fors meħtieġa biex tirreprimi l-għemil ta' dik il-folla.*

*Jista' jagħti l-każ illi f'din l-azzjoni repressiva tagħha l-Pulizija ma tkunx qiegħda teċċedi, fil-waqt li l-aspett ta' l-inċident ikun tali li jiġġustifika lill-astanti jaħsbu li kien hemm dik l-eċċedenza da parti tal-Pulizija. U jekk xi ħadd minn dawk l-astanti, f'dawk iċ-ċirkustanzi jagħmel xi esklamazzjoni ta' protesta b'intenzjoni tajba, u fil-waqt li hu in buona fede kien jaħseb li l-Pulizija kienet qiegħda teċċedi fil-mod tagħha ta' kontroll tal-folla, avvolja fil-fatt ma jkunx hemm; ma jkunx hemm da parti ta' dak in-xi ħadd il-kontravvenzjoni ta' ingerenza indebita fid-dmirijiet tal-Pulizija.*

*Għax avvolja fil-kontravvenzjonijiet hija biżżejjed, kwantu għall-element psikiku, il-volontarjetà tal-fatt; eppure din il-volontarjetà tista' tiġi esklu ża bil-buona fede jew buona intenzjoni skużabbli.*

*Barra minn dan, mhux kull ingerenza fid-doveri tal-Pulizija hija biżżejjed biex tikkostitwixxi din il-kontravvenzjoni; imma hemm bżonn li dik l-ingerenza ikollha t-tendenza li tifrustra l-azzjoni tal-Pulizija.*

Fuq l-imputazzjoni illi l-Belt, fit-18 ta' Frar 1947, għal xi s-sebgħa nieqes kwart ta' fil-għaxija, ingurja lil bosta membri tal-Pulizija waqt li kienu jagħmlu dmirhom fi Kingsway; u barra minn dan, mingħajr jedd, indaħal fid-dmirijiet tagħhom, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, b'sentenza tagħha tat-8 ta' Ottubru 1947, sabet lill-imputat ħati ta' ingerenza indebita fid-dmirijiet tal-Pulizija u kkundannatu għall-ammenda ta' £5;

L-imputat appella;

Mill-prov' deher illi fl-aħħar gurnata tal-Karnival, għal ħin tas-sebgħa ta' fil-għaxija, in-nies li kienu fin-naħiet tal-Każin ta' l-Istilla, fi Strada Rjali, kienu qegħdin jiddiportaw ruħhom ft't goffament; b'mod tali li kienu jeċċedu bil-bosta ċ-ċajt tollerabili fl-okkażjoni tal-Karnival u li kien jirrikjedi

l-intervent tal-Pulizija. Fil-fatt dawn intervenew u bdew imexxu n-nies, u milli jidher, bejn il-mossa tal-Pulizija u bejn il-paniku tan-nies, kien hemm ċerta konfużjoni inevitabili, u fil-folla nqabad anki min ma kien qiegħed jagħmel xejn. Irriżulta li l-imputat kien f'teqa f'dawk in-naħiet, u qal xi kliem lill-Pulizija;

Il-Qorti ma hix inklinata li temmen il-versjoni tax-xhud tal-Prosekuzzjoni Ebejer, li jgħid li l-imputat bosta drabi għajjar lill-Pulizija "vili"; mhux biss għaliex........... jirrendu sospetta, b'ex wieħed igħid l-anqas, ix-xhieda tiegħu;

Skond ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni l-imputat qal lill-Pulizija l-kliem "timbuttawx, timbuttawx, qieskom slavaġ"; u anki wara x-xhieda ta' l-imputat il-Qorti hija inklinata li taċċetta, kif fil-fatt taċċetta, din il-versjoni; u għalhekk l-imputazzjoni tista' titqies bħala bażata fuq dawk il-kliem;

Issa l-Ewwel Qorti eskludiet l-addebitu ta' l-ingurja lill-Pulizija, u konsegwentement, kienet tkun xi tkun l-opinjoni ta' l-Imħallef sedenti dwar il-pont jekk il-kelma "slavaġ", weħedha jew mal-kliem l-oħra, hijiex ingurja, fil-fatt din il-kwistjoni ma hijiex aktar quddiem il-Qorti; għaliex fuq appell ta' l-imputat il-pożizzjoni tiegħu ma tistax tiġi aggravata, u l-pożizzjoni issa hi dik biss jekk dawk il-kliem, apparti setgħux jikkostitwixxu reat ieħor, humiex jew le ingerenza indebita fid-dmirijiet tal-Pulizija;

Hu fatt li ħafna mill-astanti li xehdu, fosthom nies rispettabili u mhux interessati, dehrilhom li kien hemm mill-parti tal-Pulizija goffaġini żejda, tant li anki huma għamlu xi esklamazzjoni b'mod ta' protesta. Fost affarijiet oħra, l-istess Suprintendent Tabone qal li kien hemm żewġ kuntistabblijiet li qabdu tifel, kif deherlu, daqsxejn bil-vjolenza, tant li hu stess ħadulhom minn idejhom;

Issa, il-Qorti tapprezza li meta l-Pulizija tiġi b'ex twarrab folla ta' nies, li fosthom hemm elementi li qegħdin jeċċedu fl-għemil tagħhom, ma tistax ma tużax dak il-grad ta' forza li tkun bilfors teħtieġ, u ma jistax ma jiġrix illi jkun hemm xi inċident iżolat, anki forsi involontarju, li forsi, għal min ikun spettatur, jagħti kulurit ħażin lill-azzjoni kollha tal-Pulizija, mentri fil-fatt ma jkunx jista' fiċ-ċirkustanzi tal-każ isir xort'oħra, u l-Pulizija fil-verità ma tkunx qiegħda

teċċed. Għalhekk ma hux il-każ ta' ebda ċensura, anki kieku ċensura simili kienet tidħol fil-provinċja tal-kawża, talgħemil tal-Pulizija li kien fil-fatt rikjest minħabba d-diportament refrattarju tal-folla;

Iżda l-fatt indubitat illi l-aspett ta' l-inċident kien tali li impressjona lil dawn l-astanti li xehdu, jiġifieri illi l-mod tar-repressjoni dehrilhom huma li kien goff, għandu importanza;

Infatti mix-xhieda ta' l-imputat jidher illi anki hu kien similment impressjonat. Din l-impressjoni tiegħu, anki jekk mhux korretta, kienet fil-kumpless taċ-ċirkustanzi skużabili;

Issa, għalkemm fil-kontravvenzjonijiet hija biżżejjed, kwantu għall-element psikiku, il-volontarjetà, eppure din il-volontarjetà tista' tiġi eċċezzjonalment eskluża bil-bwona fede, jew bwona intenzjoni skużabili. Ingħad tajjeb, fis-sentenza mogħtija mill-Kassazzjoni Taljana fl-4 ta' Ġunju 1906, fil-kawża "Ciccone Grazia", li fiha kien President Longhi, u fejn ġew esposti diversi prinċipji dwar l-element psikiku talkontravvenzjonijiet, illi, ferma dejjem it-teorija tal-volontarjetà, "era iniquo imputare un fatto per la sua sola materialità; e per questo si suggerì a suo tempo che si facesse eccezione per i casi di buona fede o di buona intenzione............ si riconobbe che potevano essere di giustificazione sola la buona fede o la buona intenzione scusabili" (Foro Penale Napoletano, Anno II, 1927, pag. 248). Similment il-Kenny (Outlines of Criminal Law, p. 75) jgħid dwar "mistake of fact", illi mieta huma l-kondizzjonijiet biex dan ikun "a good defence" — (1) "that the mistake must be of such a character that, had the supposed circumstances been real, they would have prevented 'mens rea' from attaching to the person in doing what he did", kif f'dan il-każ li fih, kieku kien veru li l-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu attijiet arbitrarji, allura ma kienx ikun hemm kwistjoni ta' inġerenza fid-doveri tagħhom, għaliex bil-fatt ta' l-arbitrarjetà jkunu svestew ruħhom mill-kwalità ta' Pulizija; (2) "that the mistake must be a reasonable one", u f'dan il-każ l-apparenza ta' fatti iżolati msemmijin mix-xhieda u tal-kumpless ta' l-inċident kienet tali li tispjega l-iżball; (3) "that the mistake must relate to matters of fact", kif inhu l-każ;

Din il-Qorti hi tal-fehma illi, meta l-imputat qal dawk il-kliem, hu, minhabba l-kumpless taċ-ċirkustanzi, kien qiegħed jagħmel eskiamazzjoni ta' protesta b'intenzjoni tajba u f'waqt li fih hu kien qiegħed jaħseb in bwona fede li l-Pulizija kienet qiegħda teċċedi fil-mod ta' kontroll tal-folla, allavolja fil-fatt ma kienx hekk; u dan l-istat ta' animu tiegħu kien subbjettivament spjegabili bl-apparenza taċ-ċirkustanzi li impressjonaw similment lil ħadd ieħor;

Għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm inġerenza indebita fid-dmirijiet tal-Pulizija; għaliex fil-kumpless taċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ il-volontarjetà tal-fatt hi esklużi bil-bwona fede u bwona intenzjoni skużabili. Minbarra dan, għandu jiġi osservat li ma hix biżżejjed is-sempliċi inġerenza; imma hemm bżonn li din l-inġerenza ssir "by preventing other persons from doing what they are lawfully enjoined or allowed to do, or frustrating, or undoing what has been lawfully done by others, or in any other manner whatsoever"; l-esklamazzjoni ta' protesta ta' l-imputat, magħmula *in bwona fede*, ma hijiex inġerenza li tilħaq sa daqshekk, għaliex il-komment, anki jekk ftit vivaċi, ta' l-imputat ma setax ikollu t-tendenza li jiffrustra l-azzjoni tal-Pulizija;

Kif gà ngħad, din il-Qorti ta' l-Appell prattikament qiegħda biss tqies il-kliem "timbuttawx, timbuttawx"; għaliex, stante l-limitazzjoni ta' l-ambitu ta' l-appell bl-esklużjoni mill-Ewwel Qorti, ta' l-addebitu ta' l-inġurja, ma hux il-każ li din il-Qorti tara jekk, biż-żieda tal-kliem "qieskom slavaġ", l-imputat inkorriex *f'reat divers*;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.